

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**(II-Każ M.7095 — SOCAR/DESFA)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 356/10)

1. Fl-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża State Oil Company of the Azerbaijan Republic ("SOCAR" tal-Ażerbajġan) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Hellenic Gas Transmission System Operator kollu kemm hu ("DESFA" tal-Greċja) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal SOCAR: proprjetà kollha kemm hi tar-Repubblika tal-Ażerbajġan u involuta fl-esplorazzjoni taż-żejt u tal-gass, fil-produzzjoni, fl-ipproċessar, u fit-trasport ta' żejt, gass u gass kondensat, il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti petrolifiċi u petrokimiċi fi swieq domestiċi u internazzjonali, u l-provvista ta' gass naturali għall-industrija u l-pubbliku fl-Ażerbajġan;
 - għal DESFA: stabbilita fl-2007 bil-mira li topera, iżomm, timmaniġġa, tisfrutta u tiżviluppa l-Hellenic Gas Transmission System. L-attivitajiet tal-kumpanija, li huma rregolati minn liġi speċjali, huma utilità pubblika u huma soġġetti għal sorveljanza governattiva.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7095 — SOCAR/DESFA, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").